MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Numru. 606/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Roderick Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 554285(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Gunju 2014 fiz-Zejtun:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' huh Erroll Grech miz-Zejtun minhabba li l-istess offiza tista' ggib periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem u sejra ggib mankament jew sfregju fil-wicc tal-istess Erroll Grech, skont kif iccertifika Dr Michael Farinara MD mill-Isptar Mater Dei;
2. Hebb kontra Erroll Grech sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, kif ukoll
4. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap ghas-sigurta' ta' Erroll Grech, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti konrih.

Rat il-verbal datat sebgha (7) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) fejn il-partijiet qablu illi x-xhieda mismugha f'dawn il-proceduri ghandhom jghoddu ghal proceduri b'ismijiet inversi u cioe' Pulizija v. Errol Grech li qeghda tigi deciza kontestwalment fid-data tal-lum.

Rat ukoll li fil-verbal tas-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) l-akkuzati qablu li ma jixdux fil-konfront ta' xulxin u dan ukoll ghaliex huma ahwa.

Illi din il-kawza tittratta fi glieda bejn ahwa nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) fil-Fifu Bar fiz-Zejtun.

Illi semghet ix-xhieda ta' **<u>PC 1094 Arthur Fenech</u>** fejn huwa mar fuq il-post l-ewwel wiehed wara li sehhet il-glieda bejn iz-zewg ahwa Grech u hemmhekk sab lil Roderick bil-flokk kollu demm u anke wiccu kien mimli demm. Dan kien qallu li huh Errol kien tah daqqa b'tazza. Kien qallu wkoll li Errol kien id-dar.

Xehed ukoll sid il-bar u cioe' **Jonathan Spiteri** illi rrakonta x'gara dakinhar u cioe' f'xi 12.00 a.m. meta kien qed inaddaf il-kcina tal-bar u sema' l-istorbju u hareg barra biex jara. Dak il-hin ra lil Errol u lil Roderick jiggieldu bil-kliem u ddecieda li jidhol gewwa jkompli jnaddaf. Huwa mbaghad kompla jghid illi it-tnejn bdew jaghtu lil xulxin bil-ponn izda ma ra lil hadd minnhom jaghti b'xi tazzi.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Anthony Carmel Bugeja** li kien ezamina lill-imputat Errol Grech dakinhar tal-incident fejn dan sablu li kellu nefha n-naha tal-lemin ta' mniehru u evidenza ta' tifrig. Kellu wkoll nefha fix-xoffa ta' fuq in-naha tal-lemin. Dawn kienu kklassifikati bhala griehi hfief (certifikat a fol 31 tal-process)

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Dr Alistair Bezzina** li kien ezamina lil Roderick Grech (certifikat a fol 36 tal-process) dakinhar stess tal-incident u fejn seta' jikkostata li dan kellu lacerazzjoni fuq il-kappell ta' ghajnejh fuq in-naha tax-xellug, u tbengila mad-dawra ta' ghajnejh. Huwa ghalhekk irreferieh ghand id-dipartiment tal-ENT fl-isptar.

Semghet lil **Dr Doriella Galea** bhala tabiba tal-ENT li regghet ezaminat lil Roderick Grech fejn din ordnat "CT Scan" u din ikklassifikat dawn il-griehi bhala gravi stante n-natura taghhom.

Illi rat illi l-ahwa Roderick u Erroll Grech reghhu kkonfermaw illi huma jahfru lil xulxin u li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghal dak li hu rininzjabbli.

Illi jidher car illi mix-xhieda ta’ sid il-bar Jonathan Spiteri kkorroborata ma’ dak tal-kuntistabbli Arthur Fenech, saret glieda bejn iz-zewg ahwa dakinhar tar-reati. Illi dawn kienu qeghdin jiggieldu barra dan il-bar bil-kliem u anke bil-ponnijiet.

Illi pero’ gialadarba il-partijiet involuti hafru lil xulxin u l-anqas kien hemm ix-xhieda ta’ wiehed kontra l-iehor, din tnaqqas il-gravita’ tar-reat. Illi ugwalment jirrizulta illi l-akkuzi tnejn (2) u tlieta (3) huma ezawriti stante illi t-tnejn irtirawhom.

Rat ukoll ir-rikors tal-ufficjal prosekutur datat sitta (6) ta’ Marzu elfejn u hmistax (2015) fejn gie ndikat illi l-imputat Roderick Grech naqas milli josserva l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest stante li rtira gewwa d-dar tieghu wara l-hin impost f’dan id-digriet. Rat ukoll illi l-imputat ammetta ghal dan in-nuqqas.

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 216(1)(ii), (b), 222(1)(a), 339(1)(d), (e), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Roderick Grech hati biss tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hawn anness u li ghandu jifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Illi a rigward ir-rikors tal-ksur tad-digriet tal-liberta' provizorja, il-Qorti wara li rat il-proviso tal-Artikolu 579 (1) u l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundannah fuq ammissjoni ghal multa ta' mitejn Ewro (EUR 200).

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------